# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 28 ta'Gunju 2002**

**Avviz. numru 1665/00**

**Numru 2**

**Simonds Farsons Cisk Plc**

**vs**

**Leman Ashibane**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa mija u sebghin liri Maltin (Lm970) rappresentanti l-bilanc fuq self maghmul lill-konvenut bi ftehim tat-12 ta' Jannar, 1995 (Dok A) u dan peress li l-konvenut kiser dan il-ftehim qabel ma skonta s-somma kollha lilu mislufa.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju, 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness ‘Dok A’ a fol 2, 3 u 4 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 19 u a fol 20 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet ta-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-25 ta' Gunju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm970.00,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Gunju 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur